MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-1 ta' Novembru, 2011

Numru. 181/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jesmond Borg)**

**vs**

**Francis Grima ta' 53 sena, bin Emanuel u Giovanna nee Ciantar, imwieled Marsa nhar il-11 ta' Novembru 1957, residenti Panorama Court Flat 14A, Triq is-Sorijiet, San Giljan u detentur tal-karta ta' l-identita 781757M**

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront tal-imputat li gie akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, nhar l-1 ta' Jannar 2011, gewwa Paceville, kif ukoll f'dawn l-ahhar gimghat, f'hinijiet differenti u fi bnadi ohra f'Malta:

1. kellu fil-pusses tieghu d-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda ta’ l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-ligijiet ta’ Malta meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta’ l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra li jimmanifattura, jew li jforni d-droga imsemmija u meta ma kienx b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli ta’ l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emmendati u bi ksur ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. talli sar recidiv b’sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ liema sentenzi saru definittiva u ma jistghux jigu mibdula.

3. Talli ikkommetta reat waqt li kien taht ordni tal-Qorti ta’ Malta, preseduta mill-Magistrat Dr. Antonio Micallef Trigona LL.D nhar il-21 ta’ Mejju 2010, liema sentenza saret definitive u ma tistax tigi mibdula

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-ordni tal-Avukat Generali ai termini tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Artikolu22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap 101);

Semghet l-ammissjoni maghmula mill-imputat ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-Qorti tghat zmien xieraq lill-imputat sabiex jirrikonsidra l-istess;

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputat il-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputat hati tal-istess;

Illi meta tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti sejra tieghu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputat.

Ghaldaqstant, il-Qorti wara li rat Taqsimiet 4 u 6, l-artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, l-artikolu 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikoli 96, 338(ee), 17, 49 u 50tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati tal-akkuza migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghall-multa ta' seba mitt euro (€700).

Finalment il-Qorti tordna d-distruzzjoni ta' Dok JB3.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------